

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RIŻOLUZZJONIJIET

## IL-KUNSILL

**Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-Qafas għall-istabbiliment ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ**

(2020/C 415/01)

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGħIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU LI:

1. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh hija terminu wiesa' li jkopri varjetà wiesgħa ta' attivitajiet ta' natura soċjali, kulturali, edukattiva, ambjentali u/jew politika miż-żgħażaġh, magħhom u għalihom fi gruppi jew individwalment. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh titwettaq minn persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh bi ħlas jew b'mod volontarju u hija bbażata fuq proċessi ta' taġlim mhux formali u informali ffukati fuq iż-żgħażaġh u fuq il-parteċipazzjoni volontarja. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh hija essenzjalment Prattika soċjali, li tinvolvi ħidma maż-żgħażaġh u s-soċjetajiet li fihom jgħixu, u li tiffaċilita l-parteċipazzjoni attiva u l-inklużjoni taż-żgħażaġh fil-komunitajiet taġħhom u fit-teħid tad-deċizzjonijiet<sup>(1)</sup>.
2. Għalkemm hemm fehim komuni tal-funzjoni primarja tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, din tieħu forom differenti ħafna fl-Istati Membri tal-UE, hija definita jew deskritta b'mod differenti u hija assoċjata ma' perċezzjonijiet, tradizzjonijiet, partijiet ikkonċernati u Prattiki differenti. Dan iseħħ f'forom u f'kontesti differenti<sup>(2)</sup>. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh taqdi rwol importanti fl-iżvilupp personali u soċjali taż-żgħażaġh, il-parteċipazzjoni taġħhom fis-soċjetà u fit-tranżizzjonijiet li għaddejjin minnhom. Hija mmirata lejn iż-żgħażaġh kollha, inkluż dawk inqas involuti fis-soċjetà u/jew b'inqas opportunitajiet u/jew li l-parteċipazzjoni politika u soċjali sħiħa taġħhom hija friskju minħabba żvantaġġi individwali jew strutturali<sup>(3)</sup> jew diskriminazzjoni.
3. Iż-żgħażaġh jinvolvu ruħhom fuq bażi volontarja, b'mod organizzat jew awto-organizzat, f'organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, assoċjazzjonijiet, inizjattivi taż-żgħażaġh jew forom miftuħa oħra, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-soċjetà fil-livelli kollha. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh taqdi rwol kruċjali fl-appoġġ ta' dan l-involvement. Huwa mod kif jintlaħqu l-komunitajiet zġħar u remoti u jiġi promoss id-djalogu maż-żgħażaġh f'forma li tkun miftuħa u aċċessibbli għal kulħadd.
4. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh tippermetti liż-żgħażaġh jesperjenzaw u jitgħallmu dwar valuri universali bħad-drittijiet tal-bniedem, l-uġwaljanza bejn il-ġeneri, id-demokrazija, il-paċi, il-pluraliżmu, id-diversità, l-inklużjoni, is-solidarjetà, it-tolleranza u l-ġustizzja.
5. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh hija qasam fih innifsu u ambjent ta' soċjalizzazzjoni mhux formali u informali importanti. Din titwettaq minn komunità wiesgħa ta' Prattika ta' ħidma fost iż-żgħażaġh<sup>(4)</sup>. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh hija mmirata lejn il-ħtiġijiet u r-rekwiżiti individwali taż-żgħażaġh u tindirizza direttament l-isfidi li jiffaċċjaw fis-soċjetà tal-lum. Komponent essenzjali tal-ħidma fost iż-żgħażaġh huwa l-ħolqien ta' spazji sikuri,

<sup>(1)</sup> Deskriżzjoni mir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2017)4 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ

<sup>(2)</sup> Pereżempju, f'ċentri taż-żgħażaġh, proġetti taż-żgħażaġh, ħidma ta' sensibilizzazzjoni/ħidma itineranti fost iż-żgħażaġh, gruppi informali taż-żgħażaġh, kampijiet/kolonji taż-żgħażaġh, informazzjoni għaż-żgħażaġh, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u movimenti taż-żgħażaġh kif stabbilit fir-rapport finali tal-grupp ta' esperti dwar "Il-kontribut tal-ħidma fost iż-żgħażaġh biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażaġh, b'mod partikolari t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjeg".

<sup>(3)</sup> B'differenza mill-iżvantaġġi individwali, l-iżvantaġġi strutturali huma dawk li mhumiex relatati mal-persuna nnifisha iżda mal-oqfsa regolatorji li l-persuna tkun soġġetta għalihom u l-kundizzjonijiet bażiċi tal-ġħajxien taġħha.

<sup>(4)</sup> Ara d-definizzjoni fl-Anness II.

aċċessibbli, miftuħa u awtonomi fis-soċjetà, kif ukoll ambjenti ta' taġlim ta' appoġġ u esperjenzali għaż-żgħażaġh. Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fit-tfassil u t-tweqqif tal-ħidma fost iż-żgħażaġh hija essenzjali sabiex jiġi ggarantit li l-organizzazzjonijiet, il-programmi u l-attivitajiet ikunu reattivi u rilevanti għall-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom.

6. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh tiffaċilita t-taġlim u l-involvement fost iż-żgħażaġh u b'hekk tippromwovi l-għarfien demokratiku u ċ-ċittadinanza Ewropea attiva.
7. Fit-tieni Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ, li saret fl-2015, il-partijiet ikkonċernati ħadmu biex jintlaħaq fehim komuni Ewropew tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u biex jiddeskrivu l-funzjonijiet ewlenin tagħha fir-rigward taż-żgħażaġh: il-ħolqien ta' spazji għaż-żgħażaġh u l-provvista ta' appoġġ biex ikun hemm kontinwità f'ħajjithom.

#### JENFASIZZAW LI:

8. Matul dawn l-aħħar deċennji, il-ħidma fost iż-żgħażaġh kibret biex saret qasam distint ta' ħidma, imwettqa miż-żgħażaġh, maż-żgħażaġh u għaż-żgħażaġh fil-livell Ewropew. F'xi Stati Membri, il-ħidma fost iż-żgħażaġh diġà hija qasam stabbilit sew. Madankollu, sabiex jiġi esplorat b'mod sħiħ il-potenzjal tagħha, jenħtieġ li l-kapaċitajiet jiġu żviluppati aktar.
9. Il-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh kienet is-sors ta' ħafna żviluppi reċenti fil-qasam. Dawn kienu xprunati minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, li huma involuti fl-indirizzar ta' ħtiġijiet speċifiċi fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażaġh. Dawn l-iżviluppi jirriflettu d-diversità kbira tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u t-tradizzjonijiet differenti tagħha fl-Istati Membri individwali.
10. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa għadha qed tiffaċċja diversi sfidi:
  - a) Qafas kunċettwali: Il-ħidma fost iż-żgħażaġh trid tibqa' reattiva għall-bidliet fis-soċjetà u fil-ħajja ta' kuljum taż-żgħażaġh, għall-għarfien ġdid u għall-kuntest politiku, filwaqt li tkun ukoll attivament inklużiva u toffri opportunitajiet indaqs liż-żgħażaġh kollha. Għalhekk jenħtieġ li jiġu żviluppati fehim bażiku komuni u prinċipji kondiviżi. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm spazji sikuri, aċċessibbli, miftuħa u awtonomi għall-ħidma fost iż-żgħażaġh biex issir riflessjoni kontinwa dwar il-metodi u l-innovazzjoni fil-prattiki, biex jiġu analizzati x-xejriet u l-iżviluppi ġodda, u biex l-oqfsa kunċettwali, l-istrateġiji u l-prattiki jiġu adattati, fejn xieraq ma' sħab minn setturi oħra. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġu indirizzati x-xejriet globali bħall-isfidi demografiċi, it-tibdil fil-klima u d-diġitalizzazzjoni, u li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi, u l-ħidma intelliġenti u diġitali fost iż-żgħażaġh.
  - b) Kompetenza: Huwa importanti li jiġu pprovduti biżżejjed riżorsi għall-iżvilupp kontinwu tal-ħidma fost iż-żgħażaġh. Edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u appoġġ Prattiku għal persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh madwar l-UE huma prekundizzjoni għall-promozzjoni tar-rikonossiment u l-validazzjoni tal-kompetenzi ta' persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh fl-Istati Membri.
  - c) Kredibbiltà: Jenħtieġ li jiġu promossi Prattiki fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fis-soċjetà, u l-kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh għandha tissodisfa l-aspettattivi u r-rekwiżiti tal-qasam u tas-soċjetà, u tkun konsistenti man-natura, l-awtoimmagna u l-prattiki professjonali tal-qasam, sabiex jiġi żgurat li r-rwol u l-importanza tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, kif ukoll ir-riżultati li tagħti, jiġu rikonossuti lil hinn mill-qasam innifsu. Sabiex jiġu ssodisfati dawn ir-rekwiżiti, il-kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh trid ukoll tittejjeb, tiġi mmonitorjata u evalwata. Jenħtieġ li titwettag ir-riċerka fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, iżda mingħajr ma jinħoloq piż burokratiku bla bżonn.
  - d) Konnessjonijiet: Sabiex il-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh tkompli tiżviluppa l-ħidma fost iż-żgħażaġh bħala qasam immirat lejn il-ħtiġijiet taż-żgħażaġh, jenħtieġ li titrawwem il-kooperazzjoni interna, inkluż il-konnessjonijiet bejn il-fornituri tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u dawk li jfasslu l-politika dwar iż-żgħażaġh, u l-kooperazzjoni ma' setturi u oqfsa ta' politika oħrajn. Barra minn hekk, ir-rikonossiment fis-soċjetà, l-involvement fil-politika dwar iż-żgħażaġh, l-oqfsa legali xierqa, ir-riżorsi finanzjarji, l-oqfsa istituzzjonali, u l-istrutturi xierqa u sostenibbli huma kollha fatturi importanti.
  - e) Kriżijiet u opportunitajiet: Il-ħidma fost iż-żgħażaġh qed tħabbat wiċċha kontinwament ma' sfidi fundamentali u għandha tadatta biex tissodisfa l-ħtiġijiet li qed jinbidlu. L-eżistenza u s-sostenibbiltà stess ta' ħafna assoċjazzjonijiet taż-żgħażaġh, organizzazzjonijiet tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u servizzi taż-żgħażaġh huma mhedda bħala riżultat ta' kriżijiet bħall-pandemija tal-COVID-19. Ir-restrizzjonijiet fuq il-kuntatt soċjali kellhom impatt serju fuq il-mod kif taħdem il-ħidma fost iż-żgħażaġh, u b'hekk fuq iż-żgħażaġh, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet. Madankollu, il-ħidma fost iż-żgħażaġh uriet il-kapaċità tagħha li tirreaġixxi malajr għal kriżi bħal din u tiżgura li l-fehmiet taż-żgħażaġh jiġu kkunsidrati fil-proċess tat-tfassil tal-pjan ta' azzjoni tagħhom għall-futur tal-Ewropa ta' wara l-kriżi.

11. Kemm l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2019-2027) kif ukoll l-Istrateġija tas-Settur taż-Żgħażaġħ tal-Kunsill tal-Ewropa għall-2030 jappellaw għall-iżvilupp ta' Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ. F'dan l-appell, l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ ħeġġet it-tiftix ta' aktar sinerġiji mal-ħidma mwettqa mill-Kunsill tal-Ewropa f'dan il-qasam. Dan jippermetti t-trawwim ta' kooperazzjoni reċiproka u l-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa biex jiġu żviluppati aktar il-prattiki u l-politiki tal-ħidma fost iż-Żgħażaġħ.

JAQBLU DWAR IL-QAFAS STRATEĠIKU LI ĠEJ BĦALA L-AĠENDA EWROPEA GĦALL-ĦIDMA FOST IŻ-ŻGHAŻAĠH:

12. L-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenda") hija qafas strateġiku għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-kwalità u l-innovazzjoni fil-ħidma fost iż-Żgħażaġħ u r-rikonoxximent tagħha. Hija tadotta approċċ immirat għall-iżvilupp ulterjuri tal-ħidma fost iż-Żgħażaġħ fl-Ewropa bbażata fuq l-għarfien u r-rabta tad-deċiżjonijiet politiċi mal-implimentazzjoni Prattika tagħhom. L-Aġenda hija kkaratterizzata minn kooperazzjoni kkoordinata fost il-partijiet ikkonċernati fl-ivelli differenti u f'diversi oqsma tal-ħidma fost iż-Żgħażaġħ, u sservi wkoll biex issaħħaħ il-ħidma fost iż-Żgħażaġħ bħala qasam ta' ħidma distint li jista' jaġixxi bħala sieħeb ugwali ma' oqsma ta' politika oħrajn.

13. L-Aġenda hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

a) Bażi politika

F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2019-2027), l-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ għandha timmira għall-kwalità, l-innovazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħidma fost iż-Żgħażaġħ. Fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-attivitajiet tal-UE fil-qasam tal-ħidma fost iż-Żgħażaġħ jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali tal-istrateġija u jibnu fuq l-istrumenti u l-governanza maqbula għal din l-istrateġija.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ u l-Istrateġija għas-Settur taż-Żgħażaġħ 2030 jipprovdu l-impetu għat-tisħiħ, ir-rikonoxximent u l-iżvilupp ulterjuri tal-politiki u l-prattiki tal-ħidma fost iż-Żgħażaġħ, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-Aġenda.

Id-dokumenti msemmija hawn fuq jappellaw għall-ħolqien ta' sinerġiji jew kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-istati membri tagħhom.

b) Kooperazzjoni fil-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-Żgħażaġħ

Il-kooperazzjoni fi ħdan il-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-Żgħażaġħ fl-Istati Membri u fil-livell Ewropew hija fundamentali għall-effettività tal-Aġenda u ser issawwar kemm il-kontenut tal-Aġenda kif ukoll l-iżvilupp futur tagħha.

c) L-implimentazzjoni tal-Aġenda fil-Prattika: "il-Proċess ta' Bonn"

Il-proċess ta' implimentazzjoni tal-Aġenda, imsejjaħ il-"Proċess ta' Bonn" <sup>(\*)</sup>, jenħtieġ li jissawwar mill-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-Żgħażaġħ, fi ħdan l-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom u d-diversi mandati, rwoli u kapaċitajiet tagħhom. Dan jikkonsisti fl-iżvilupp u l-proponiment ta' strateġiji, miżuri u prijoritajiet ta' implimentazzjoni fil-livelli kollha li għandhom jitwettqu permezz ta' attivitajiet mil-livell lokali sa dak Ewropew, fl-ispettru kollu tal-kuntesti tal-ħidma fost iż-Żgħażaġħ u fi ħdan l-isferi ta' kompetenza rilevanti.

d) Programmi ta' Finanzjament fil-qasam taż-Żgħażaġħ

Il-programmi ta' Finanzjament tal-UE rilevanti infurzati fil-qasam taż-Żgħażaġħ, (b'mod partikolari Erasmus+ Żgħażaġħ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjeta), jistgħu joffru appoġġ u Finanzjament biex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' implimentazzjoni tal-Aġenda f'konformità mal-oġġettivi tal-programmi.

GĦANDHOM L-GĦAN LI:

14. Jippromwov l-iżvilupp ulterjuri u t-tisħiħ tal-kwalità u l-innovazzjoni fil-ħidma fost iż-Żgħażaġħ u r-rikonoxximent tagħha u, bi sħubija mal-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-Żgħażaġħ, itejbu l-qafas li fih titwettaq, fil-livelli kollha, inkluż bl-użu ta' kooperazzjoni transsettorjali u approċċi bbażati fuq l-evidenza.
15. Jagħtu attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni tal-Aġenda bħala parti mill-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ u, fejn possibbli, tintegra b'mod sħiħ il-politiki tal-ħidma fost iż-Żgħażaġħ fil-livelli kollha tal-politika dwar iż-Żgħażaġħ u l-istrateġiji assoċjati (nazzjonali, reġjonali u lokali) fl-Istati Membri.
16. Jiżguraw il-preżenza ta' strutturi sostenibbli u d-disponibbiltà ta' riżorsi adatti għal ħidma ta' kwalità fost iż-Żgħażaġħ, sabiex iż-Żgħażaġħ kollha jkun jista' jkollhom esperjenza pożittiva tal-miżuri stabbiliti f'dan il-qasam, jew isawru dawn il-miżuri huma stess, b'enfasi partikolari fuq azzjoni fil-livell lokali u f'żoni remoti u rurali fejn hemm inqas opportunitajiet għall-ħidma fost iż-Żgħażaġħ.

(\*) It-tielet Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ, avveniment diġitali mxandar minn Bonn, hija l-bidu tal-proċess ta' implimentazzjoni għall-implimentazzjoni tal-Aġenda.

17. Isaħħu u jestendu l-prinċipji komuni tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fi ħdan il-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh billi jżidu l-għarfien u s-sensibilizzazzjoni dwar l-iżviluppi fil-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa, billi jippromwovw l-kooperazzjoni regolari, l-iskambju u l-prattiki komuni, filwaqt li jieħdu kont tad-differenzi bejn id-diversi livelli u oqsma tal-ħidma fost iż-żgħażaġh.
18. Itejbu l-fehim tal-kunċetti, il-metodi u l-għodod użati għall-edukazzjoni u t-taħriġ fil-ħidma fost iż-żgħażaġh, jiżviluppaw aktar l-oqfsa bbażati fuq il-kompetenza għall-edukazzjoni u t-taħriġ formali u mhux formali tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fejn applikabbli, u jipprovdu d-diversi atturi involuti fil-ħidma fost iż-żgħażaġh b'edukazzjoni, taħriġ, gwida u appoġġ ta' kwalità suffiċjenti.
19. Jimmonitorjaw u jevalwaw regolarment l-istat tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-iżviluppi u l-isfidi fiha, janalizzaw il-ħtiġijiet taż-żgħażaġh u x-xejriet rilevanti għall-ħidma fost iż-żgħażaġh, jinvolvi liż-żgħażaġh fl-iżvilupp ta' strateġiji u jinkoraġġixxu l-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh f'kooperazzjoni ma' setturi oħra kkonċernati, biex jirreaġixxu għal dawn l-iżviluppi u tkompli tiżviluppa l-modi tagħhom ta' ħidma kif meħtieġ.
20. Fejn xieraq, jiżviluppaw aktar strateġiji u azzjonijiet li jippermettu li jiġi rikonoxxut u vvalidat it-tagħlim mhux formali u informali fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u li jiġi rikonoxxut il-kontribut tal-ħidma fost iż-żgħażaġh lejn it-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażaġh.
21. Issaħħu l-kapaċità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh biex dawn jingħataw is-setgħa li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' soċjetajiet inklużivi, sostenibbli, demokratiċi, pluralistiċi u paċifiċi.
22. Iżidu l-opportunitajiet għal interazzjoni u skambju transkonfinali bejn iż-żgħażaġh minn sfondi kulturali u soċjoekonomiċi differenti u għal skambju interkulturali fi ħdan l-Istati Membri, b'mod li din issir il-prattika standard fil-ħidma fost iż-żgħażaġh, u jiffaċilitaw il-ħolqien ta' aktar proġetti strateġiċi għall-kooperazzjoni fil-ħidma fost iż-żgħażaġh madwar l-Ewropa.
23. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-pandemija tal-COVID-19 u fid-dawl ta' kriżijiet futuri possibbli, jiżguraw, fil-livelli kollha, l-eżistenza u l-operat li għaddejnin bħalissa tad-diversi faċilitajiet u strutturi involuti fil-ħidma fost iż-żgħażaġh billi jiżviluppaw mekkaniżmi u riżorsi reżistenti għall-kriżijiet, inkluż teknoloġiji diġitali, u jiżguraw li l-faċilitajiet u l-istrutturi jkunu kapaċi jadattaw għas-sitwazzjoni attwali u sitwazzjonijiet simili li jistgħu jinqalgħu fil-futur.
24. Isaħħu l-kooperazzjoni kemm bejn l-Istati Membri u l-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll bejn l-istituzzjonijiet rispettivi sabiex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh madwar l-Ewropa.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FIL-LIVELLI XIERQA, B'KUNSIDERAZZJONI XIERQA GĦAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI SPEĊIFIĊI TAGĦHOM, BIEX:

25. Jintegraw il-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-istrateġiji eżistenti u futuri tal-politika dwar iż-żgħażaġh u l-implimentazzjoni tagħhom fil-livelli amministrattivi kollha sabiex tiġi ffaċilitata innovazzjoni akbar, tittejjeb il-kwalità u jiżdied ir-rikonoxximent tal-qasam, b'enfasi partikolari fuq l-azzjoni fil-livell lokali fit-tfassil u l-iżvilupp tal-Aġenda.
26. Jidentifikaw temi u oqsma ta' azzjoni għall-iżvilupp ulterjuri tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fil-livelli lokali, regionali u nazzjonali, f'konformità mal-oġġettivi komuni tal-Aġenda, li jenħtieġ li jitfasslu u jiġu implimentati fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ u f'kooperazzjoni mal-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh. Jenħtieġ li dan il-proċess ikun immirat kemm jista' jkun u jiġi integrat, fejn xieraq, fi strateġiji eżistenti.
27. Jinforma lill-atturi rilevanti kollha fil-livelli nazzjonali, regionali u lokali fi ħdan il-komunità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh dwar il-prattika tal-Aġenda u l-implimentazzjoni tagħha u jiżgura li jkun hemm dialoġu adatt magħhom u bejniethom.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI XIERQA, B'KUNSIDERAZZJONI XIERQA GĦALL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX

28. Jippromwovw d-dimensjoni Ewropea tal-ħidma fost iż-żgħażaġh permezz ta' skambju transkonfinali u tranżnazzjonali, kooperazzjoni, tagħlim interkulturali u tagħlim bejn il-pari.
29. Jiffaċilitaw l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-Aġenda billi jużaw strutturi u strumenti eżistenti jew jidentifikaw jew jistabbilixxu, fejn xieraq, strutturi ta' appoġġ, għodod, sħubiji jew metodi xierqa oħra ġodda ta' kooperazzjoni fid-diversi livelli.
30. Jistinkaw biex jiżguraw li l-Aġenda tissawwar kemm jista' jkun mill-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, u jagħmlu għad-dispożizzjoni ta' din il-komunità informazzjoni, opportunitajiet u spazji biex jiġi ffaċilitat l-involvement tagħha. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali liż-żgħażaġh u lil persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh.

31. Jipprevedu Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ fil-prinċipju kull ħames snin, biex isservi bħala forum għall-iżvilupp ulterjuri tal-Aġenda, jikkunsidraw li jistiednu lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa bħala parti mill-politika tal-viċinat tal-UE, u jesploraw il-modi possibbli ta' appoġġ għat-tħejija u l-implimentazzjoni tal-Aġenda permezz tal-programm Erasmus+ Żgħażaġħ u l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.
32. Joħolqu "Network għall-iżvilupp tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa" miftuħ u konsultattiv ta' strutturi rilevanti li jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-iżvilupp tal-ħidma fost iż-żgħażaġh billi jippromwovu approċċi innovattivi, jappoġġaw l-iżvilupp u l-kooperazzjoni ma' u bejn atturi differenti ġewwa u barra l-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, jipprovdu appoġġ u jxerrdu informazzjoni dwar id-diversi prioritajiet tematiċi, approċċi, networks u gruppi fil-mira. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li n-network jiġi appoġġat ukoll minn pariri u għarfien espert ġejjin minn setturi oħra. Jenħtieġ li n-network ifittex li jinvolvi atturi ġodda fil-ħidma ta' żvilupp tiegħu.
33. Jesploraw il-possibiltajiet li permezz tagħhom il-programmi ta' finanzjament tal-UE, bħal Erasmus+ Żgħażaġħ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv, fejn xieraq, għall-implimentazzjoni tal-Aġenda bl-użu tal-istrumenti ta' finanzjament differenti tal-programmi.
34. Jippromwovu ċittadinanza attiva, kritika u sensibilizzazzjoni demokratika u l-apprezzament tad-diversità fost iż-żgħażaġh kollha bħala partijiet permanenti u fundamentali tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, inkluż billi jippromwovu t-tisħiħ tal-kompetenzi permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh. Jagħtu liż-żgħażaġh kollha, mingħajr diskriminazzjoni, l-opportunità li jaġixxu fuq inizjattiva tagħhom stess, jiżviluppaw l-awtoeffikaċja tagħhom u jeżerċitaw influwenza pożittiva.
35. Jimmonitorjaw u jevalwaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda. Għal dan il-għan, ir-Rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ jenħtieġ li jinkludi kapitolu ddedikat dwar l-iżvilupp, fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażaġh ta' strutturi, għodod ta' appoġġ, sħubiji jew metodi xierqa oħra ta' kooperazzjoni fl-Istati Membri u fil-livell Ewropew.

#### JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX:

36. Tiżgura li l-Aġenda tkun minquxa fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, inkluż l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ, u żżid il-viżibbiltà tagħha billi tuża l-istrumenti u l-għodod ta' governanza previsti fl-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ biex timplimenta l-Aġenda u biex timmonitorja, tevalwa, ixxerred u tuża r-riżultati tagħha.
37. Tiżgura sinerġiji ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u ssaħħaħ is-sħubija eżistenti mal-Kunsill tal-Ewropa meta timplimenta l-Aġenda permezz ta' azzjoni komplementari u kkoordinata. Is-sħubija bejn l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa fil-qasam taż-żgħażaġh tista' tingħata rwol ċentrali fil-iżgurar tas-sinerġiji u fl-iffaċilitar tad-djalogu għal persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh.
38. Tikkunsidra li tiżviluppa pjattaforma diġitali Ewropea ddedikata li tkun miftuħa u multilingwi dwar il-ħidma fost iż-żgħażaġh f'kooperazzjoni mill-qrib mal-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh biex tikkondividi informazzjoni, għarfien u Prattiki tajba, u tinvolvi ruħha fil-kooperazzjoni u t-tagħlim bejn il-pari. B'hekk jiġu ffaċilitati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Aġenda, inkluż id-dimensjoni esterna tagħha, fejn rilevanti. Grupp ta' esperti li jirrappreżenta l-komunità ta' Prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh jista' jakkumpanja u jagħti pariri dwar il-proċess tal-ħolqien u l-implimentazzjoni tal-pjattaforma.
39. Issaħħaħ il-bini tal-għarfien u l-approċċi bbażati fuq l-evidenza fil-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa billi tiffaċilita l-iskambji tal-esperti u r-riċerka bbażata fuq ix-xjenza u l-Prattika dwar l-impatt tal-prinċipji, l-iżviluppi, il-kunċetti, l-attivitajiet u l-Prattiki applikati fil-qasam, b'mod partikolari billi tinvolvi riċerkaturi żgħażaġh u tibni repożitorju ta' għarfien espert fi ħdan l-organizzazzjonijiet tal-ħidma fost iż-żgħażaġh.

## ANNEX I

**Referenzi**

Fl-adozzjoni ta' din ir-Riżoluzzjoni, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill jirreferu għad-dokumenti li ġejjin:

*Dokumenti tal-Kunsill*

- Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (ĠU C 456, 18.12.2018, p. 1)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh (ĠU C 414, 10.12.2019, p. 2)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh (ĠU C 418, 7.12.2017, p. 2)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh (ĠU C 412, 9.12.2019, p. 12)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien ta' opportunitajiet għaż-żgħażaġh f'żoni rurali u remoti (ĠU C 193, 9.6.2020, p. 3)
- Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh (ĠU C 327, 4.12.2010, p. 1)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim (ĠU C 195, 7.6.2018, p. 1)

*Dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea*

- Study on youth work and entrepreneurial learning (Studju dwar il-ħidma fost iż-żgħażaġh u t-tagħlim intraprenditorjali) (2017)
- Study on the value of youth work in the EU: general report - case studies- country reports (2014) (Studju dwar il-valur tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-UE: rapport ġenerali - studji tal-każijiet - rapporti tal-pajjiżi) (2014)
- Youthpass impact study (Studju tal-impatt tal-Youthpass). Young people's personal development and employability and the recognition of youth work (L-iżvilupp personali u l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh u r-rikonoxximent tal-ħidma fost iż-żgħażaġh) (2013)

*Rapporti tal-gruppi ta' esperti mill-kooperazzjoni tal-Kunsill fil-qasam taż-żgħażaġh*

- Rapport tal-grupp ta' esperti: Developing digital youth work – Policy recommendations, training needs and good practice examples (L-iżvilupp tal-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh - Rakkomandazzjonijiet ta' politika, ħtiġijiet ta' taħriġ u eżempji ta' prattika tajba) (2018)
- Rapport tal-grupp ta' esperti: The contribution of youth work to preventing marginalisation and violent radicalisation (Il-kontribut tal-ħidma fost iż-żgħażaġh għall-prevenzjoni tal-emarġinazzjoni u r-radikalizzazzjoni vjolenti) (2017)
- Rapport tal-grupp ta' esperti: The contribution of youth work to address the challenges young people are facing, in particular the transition from education to employment (Il-kontribut tal-hidma fost iż-żgħażaġh biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażaġh, b'mod partikolari fit-tranzizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjeg) (2015)
- Rapport tal-grupp ta' esperti: Quality Youth Work - A common framework for the further development of youth work (Ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh - Qafas komuni għall-iżvilupp ulterjuri tal-ħidma fost iż-żgħażaġh)(2015)

*Dokumenti tal-Kunsill tal-Ewropa*

- Rakkomandazzjoni CM/Rec(2017)4 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar il-ħidma fost iż-żgħażaġh
- Riżoluzzjoni CM/Res (2020)2 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-istrateġija 2030 tal-Kunsill tal-Ewropa għas-settur taż-żgħażaġh

*Oħrajn*

- Dikjarazzjoni tat-tieni Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ <sup>(1)</sup>
- European Training Strategy in the field of Youth. Supporting the development of quality youth work in Europe through capacity building (Strateġija Ewropea ta' Taħriġ fil-qasam taż-Żgħażaġħ. Appoġġ għall-iżvilupp ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet) (2015) <sup>(2)</sup>

<sup>(1)</sup> [https://pjp-eu.coe.int/documents/42128013/47262187/The+2nd+European+Youth+Work+Declaration\\_FINAL.pdf/cc602b1d-6efc-46d9-80ec-5ca57c35eb85](https://pjp-eu.coe.int/documents/42128013/47262187/The+2nd+European+Youth+Work+Declaration_FINAL.pdf/cc602b1d-6efc-46d9-80ec-5ca57c35eb85)

<sup>(2)</sup> [https://ec.europa.eu/youth/sites/youth/files/eu-training-strategy-youth\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/youth/sites/youth/files/eu-training-strategy-youth_en.pdf)

## ANNEX II

Għall-iskopijiet ta' din ir-Riżoluzzjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

*Komunità ta' prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh* <sup>(1)</sup>

Fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, il-komunità ta' prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh għandha tinftiehem bħala grupp ta' persuni, professjonali jew mhux professjonali, li jikkondividu l-istess interessi fir-riżoluzzjoni ta' kwistjoni, fit-titjib tal-ħiliet tagħhom, u fit-tagħlim mill-esperjenzi ta' xulxin.

Il-komunità ta' prattika tal-ħidma fost iż-żgħażaġh tinkludi partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha mil-livell lokali sa dak Ewropew, bħal:

- persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh u mexxejja taż-żgħażaġh;
- manijers fil-ħidma fost iż-żgħażaġh;
- trasportaturi ta' proġetti;
- organizzazzjonijiet tal-ħidma fost iż-żgħażaġh akkreditati u indipendenti;
- ħarrieġa;
- riċerkaturi;
- edukaturi ta' persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh;
- komunitajiet lokali u muniċipalitajiet;
- Aġenziji Nazzjonali għall-Erasmus+ Żgħażaġħ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;
- rappreżentanzi taż-żgħażaġh u żgħażaġh u
- dawk li jfasslu l-politika għaż-żgħażaġh.

L-atturi kollha fil-komunità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh għandhom, fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom, mandati, rwoli u kapaċitajiet differenti għall-iżvilupp ulterjuri tal-ħidma fost iż-żgħażaġh.

---

<sup>(1)</sup> It-terminu "komunità ta' prattika" huwa terminu teoretiku żviluppat mill-psikologi edukattivi Jean Lave u Étienne Wenger.

ANNEX III

Infografika dwar l-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ

The European Youth Work Agenda

